MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Avviz Numru. 323/2006

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz prezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar il-25 ta’ Ottubru 2006, permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ elfejn, mitejn wiehed u ghoxrin lira u sitta u tmenin centezmu Maltin (LM2,221.86) rapprezentanti prezz dovut ghax-xoghol ta’ stampar maghmul mis-socjeta attrici inkluz il-Vat, kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mal-avviz u mmarkati dokumenti JP1 sa JP17, liema xoghol sar fuq struzzjonijiet tas-socjeta konvenuta u liema somma s-socjeta konvenuta naqset milli thallas, oltre l-imghaxijiet legali fuq l-istess mid-data ta’ meta sar ix-xoghol sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta, r-rappresentanti ta’ liema huma minn issaa ngunta in subizzjoni.

Rat illi is-socjeta konvenuta kienet debitament notifikata bl-avviz in kwistjoni permezz ta affissjoni fl-indirizz moghti fl-avviz, fl-ghassa tal-Pulizija ta’ Haz-Zabbar u fil-kunsill

lokali ta’ Haz-Zabbar nhar is-17 ta’ Mejju 2007,u bil-publikazzjoni tal-Gazetta tal-Gvern nhar it-18 ta’ Mejju 2007 u fil-gazzetta lokali l-Orizzont fil-harga tat-8 ta’ Gunju 2007.

Illi fis-seduta tal-25 ta’ Gunju 2007 is-socjeta attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta’ Gunju 2007 is-socjeta konvenuta giet imsejjha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi ‘n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici u semghet lill-avukat difensur tas-socjeta attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tas-socjeta attrici  tirrisulta gustifikata u timmerita konferma.
Il-Qorti ghalhekk qieghda ghalhekk tilqa it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta’ ta’ elfejn, mitejn wiehed u ghoxrin lira u sitta u tmenin centezmu Maltin (LM2,221.86) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.

Bl-ispejjes kontra  is-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------